MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 2152/2004

**Emmanuel Delicata & Sons Ltd (C 28292)**

**vs**

**CC Car Parks plc (C 17050)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta Novembru 2004 fejn
intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-
socjeta attrici s-somma ta seba mija u hamsa u ghoxrin lira u
wiehed u hamsin centezmu (LM725.51) rapprezentanti prezz ta xorb
debitament mibjugh u kkonsenjat
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 20 ta Frar 2004 u bl-imghax legali kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 15 ta Dicembru 2004 fejn ikkontestat it-talba attrici stante li hija nfondata fattwalment u legalment u peress illi l-istess socjeta attrici kienet debitrici fil-konfront taghha ghall-ammont ta disa mija u ghoxrin lira (Lm920) valur ta reklamar u ghalhekk giet intavolata kontro-talba f’dan is-sens u ghal dan l-ammont ta Lm920.

Ra r-risposta tas-socjeta attrici ghal kontro-talba tas-socjeta konvenuta fejn ikkontestat l-istess in vista tal-fatt li ebda ammont ma kien dovut minnha;
Illi permezz ta risposta ulterjuri datata 5 ta Ottubru 2006, is-socjeta eccepiet ulterjorment il-preskrizzjoni tal-kontro-talba ai termini tal-artikolu 2156 (f) Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta in kwantu din tolqot is-somma ta Lm460 mitluba f’Lulju 1999 ghal perjodu bejn Lulju 1999 sa Lulju 2000;

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici ma jidhirx li per se u in sustanza dan qed jigi kontestat mis-socjeta attrici. Jirrizulta anzi li dan gie anke ammess mix-xhud Pizzuto prodott mis-socjeta konvenuta. Apparti dan, is-somma mitluba mis-socjeta attrici tidher ipprovata tramite d-dokumenti esebiti cioe mir-rendikont Dok MD1 a fol 12 u mid-dokumenti l-ohra in sostenn u b’riferenza ghall-istess rendikont Dok 13 et seq.

Francis Pizzuto prodott mis-socjeta konvenuta jsostni li s-socjeta attrici kienet ftiehmet maghhom biex juzaw il-premises tal-car park ghal reklamar tal-prodotti taghhom. Sa fejn jaf hu dan kien ftehim verbali. Fil-fatt dan ir-reklamar sar permezz ta Boards suppliti mill-istess socjeta attrici u mqieghdha gewwa l-Car Park. Fl-ewwel sena ta reklamar cioe minn Lulju 1998 sa Lulju 1999 l-ammont annwali dovut fis-somma ta Lm460 (kif konfermat mis-sur Hermitage) fil-fatt thalset pero dawk dovuta ghas-sentejn ta wara bejn Lulju 1999 sa Lulju 2001 baqghu mhux

imhallsa ghalkemm kienu ntbaghtu zewg invoices ghal dan il-ghan Dok FP1 u Dok FP2 tramite covering letter Dok FP3. Dawn il-Boards ta reklamar baqghu fuq is-sit tas-socjeta konvenuta li da parti taghha baqghet tixtri l-inbid minnghand is-socjeta attrici. Huwa ikompli jghid li s-socjeta konvenuta qatt ma nghatat struzzjonijiet minnghand is-socjeta attrici biex inehhu l-boards jew li ma kienux behsiebhom jissoktaw fil-ftehim ta reklamar. Difatti l-istess Boards ta reklamar kienu nqalghu minn posthom mill-istess socjeta konvenuta hekk kif inghalaq ir-restaurant.

Bill Hermatage ghas-socjeta attrici jikkonferma li kienu ghamlu ftehim ta reklamar mas-socjeta konvenuta. Huwa kien ta l-ideja li dan kien bil-miktub pero ma kienx f'posizzjoni li jipproduci kopja tieghu. Oltre dan isostni li l-ftehim kien ghal sena biss. Ighid ukoll li huwa kien informa lis-socjeta konvenuta li ma kienux behsiebhom igeddu l-fethim ta reklamar ghas-sena ta wara pero ma jafx ma min tkellem. Bhala raguni jghid li l-kontenut reklamat kien barra minn zmienu u li ma kienx jaqbel ma reklamar ta alcohol gewwa Car Park. It-Tribunal jinnota li dan ix-xhud xehed mill-memorja b'mod generiku u f'xi daqqiet ambigwu tassew u meta gie mistoqsi fuq certa dettalji ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb jew li jissostanzja dak li kien qed ighid. B'mod partikolari naqas li jgib l-aqwa prova ta dak li kien qed isosti u cioe l-iskrittura tal-ftehim ta reklamar fejn jinghad li kien biss ghal sena. Anqas ma kien konvincenti meta pprova jaghti r-ragunijiet il-ghala tali reklamar ma kienx aktar mehtieg u dwar il-fatt li ighid li kien ghamilha cara li ma kienx behsiebu jgedded il-ftehim.

Illi dwar ir-risposta ulterjuri prezentata mis-socjeta attrici ghal kontro-talba tas-socjeta konvenuta riferibbilment ghall-invoice ta Lulju 1999 jigi rilevat li l-ewwel att Gudizzjarju li seta wassal biex interrompa d-dekors tal-perjodu preskrittiv kien tramite il-kontro-talba li giet prezentata fil-15 ta Dicembru 2004 cioe hames snin u hames xhur wara d-data tal-invoice in kwistjoni u ghalhekk jidher li s-socjeta attrici hija legalment gustifikata minn dan il-lat;

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba attrici u kif ukoll l-eccezzjoni ulterjuri taghha ta preskrizzjoni fir-rigward tal-kontro-talba mressqa limitatament ghall-ewwel invoice datata 7 ta Lulju 1999 Dok FP1 pero fl-istess hin tilqa l-kontro-talba ntavolata mis-socjeta konvenuta ghar-rigward it-tieni invoice datata 10 ta Lulju 2000 Dok FP2 fl-ammont ta Lm460. Illi in vista ta dawn ic-cirkostanzi kwindi t-Tribunal josserva li hemm lok ta tpacija bejn iz-zewg ammonti rispettivi dovuta minn kul naha u wara li jsiru l-konteggi relattivi ghandu jirrizulta li s-socjeta attrici ikun fadlilha bilanc posittiv favur taghha fl-ammont ta Lm265.51. Ghaldaqstant in vista tal-premess is-socjeta konvenuta qed tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma fuq indikata ta Lm265.51 bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza b'dan illi l-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------